MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru 230/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard C. Spiteri)**
**vs**

**ISAAC CHETCUTI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Isaac Chetcuti ta’ 31 sena, iben Francis u Wilhelmina nee’ Spiteri, imwieled Attard, fil-5 ta’ Awwissu 1977, u joqghod Havana Flats, Flat 5C, Triq San Gorg, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 357877(M).

Billi gie akkuzat talli nhar il-20 ta’ Lulju 2008 ghall-habta ta’ 00.30 a.m. waqt li kien gewwa Triq Elija Zammit, San Giljan :-

1. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel.

2. Irrifjuta li jaghti, jew ta falz, lil ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra.

3. Attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta ohra li ma tixtieqx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe' Ps 1207, Ps 1585, Pc 750 u Pc 1501 filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti.

4. Ingurja jew hedded lil Ps 1207, Ps 1585, Pc 750 u Pc 1501, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

5. Qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti.

6. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok BS3 u nnutat li l-imputat Isaac Chetcuti m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 338(ee), 338(g), 95, 96, 338(bb), 342 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Isaac Chetcuti, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut, tillibera lill-imputat Isaac Chetcuti taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Isaac Chetcuti ghall-piena ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba' u disghin centezmi ta' Ewro (Ewro 232.94) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Isaac Chetcuti b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmi ta’ Ewro (Ewro 232.94) li jzomm il-kwiet ma’ Ps 1207, Ps 1585, Pc 750 u Pc 1501 u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Isaac Chetcuti l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------